| AVVIŻI |
|---|
| PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL |
| SAFI |

## Il-Ħadd 10 ta' Marzu 2024 Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

| Data | Avviżi |
|---|---|
| **It-Tnejn**<br>**11 ta' Marzu** | • Fis-7.00pm fl-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun hemm il-laqgħa tal-Kummissjoni Liturġija. |
| **Il-Tlieta**<br>**12 ta' Marzu** | • 7.15pm fl-Uffiċċju Parrokkjali ikun hemm il-laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| **Il-Ħamis**<br>**14 ta' Marzu** | • Fis-7.00pm Ir-Raba' sessjoni tal-eżerċizzi ta' kull nhar ta' Ħamis. Ser jinkludu Lectio Divina fuq l-Evanġelju tar-Raba' Ħadd tar-Randan. Ser jieħdu ħsieb il-Kor Sine Macula. |
| **Il-Ġimgħa**<br>**15 ta' Marzu** | • Fit-8.15 am ikun hemm it-Tqarbin tal-morda fid-dar.<br>• Fis-7.15pm fil-Każin tal-Banda San Pawl ser ikun hemm ħsieb Spiritwali tar-Randan. |
| | **AVVIŻI OĦRA** |
| **Ġbir Parroċċa** | • Matul din il-Ġimgħa daħlu:<br>• € 400 bħala ġabra speċjali tal-Ħadd li għadda. |
| **Ġurnata ta' Talb.** | • Grupp tal-Familja ser jagħmel ġurnata irtir nhar id-19 ta' Marzu. Matul din il-ġurnata ser ikun hemm quddiesa, ħsieb u ħin ta' talb. Ser jipprietka Dun Frans Abdilla u ser issir fis-Santwarju tal-Ħniena Divina in-Naxxar. Il-Ħin ser ikun mill-10am sa 4pm. Tluq minn fejn il-Knisja fid-9.15am. Din hija miftuħa għall-helpers kollha tal-Knisja. |
| **Kummissjoni**<br>**Djakonija** | • Matul dan ix-xahar qed niġbru affarijiet tal-ikel għall-familji fil-bżonn fil-parroċċa tagħna. Min jixtieq jagħmel offerti tal-ikel jista jħalli l-offerti tiegħu fil-qfief apposta fejn is-salib tal-artal. |
| **Ħarġa tal-Parroċċa** | • Ħarġa għall-Bażilka tal-Isla fejn ser ikollna quddiesa quddiem ix-xbieha mirakoluża ta' Ġesu Redentur. Nispiċċaw billi jkollna Coffee Morning fix-Xatt tal-Isla. Il-Ħarġa ser tkun fil-21 ta' Marzu booking minghand il-helpers tas-soltu. |
| **Skola Primarja** | • Dawk il-ġenituri li joqogħdu Hal Safi u uliedhom twieldu bejn Mejju u Diċembru 2021 u bejn Jannar u April 2022 u għadhom jiktbu lill-uliedhom għall-klassijiet tal-Kinder garten, mitluba jagħmlu dan malajr kemm jista jkun. Il-formola tinkiseb mill-Iskola. Il-firma tal-genituri fuq il-formola trid issir quddiem il-kap tal-Iskola |
| **Pellegrinaġġ Duluri.** | • Min jixtieq jerfa' fil-pellegrinaġġ tad-Duluri nhar it-22 ta' Marzu għandu jikteb ismu fis-sagristija. |